## ĦATRA TA' MEMBRU AKKADEMIKU

Għandna l-pjaċir inħabbru illi s-Sur Reginald Vella Tomlin,
Surmast Prinċipali fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, ġie
maħtur bħala Membru Akkademiku tal-Għaqda.

Il-merti tas-Sur R. Vella Tomlin huma magħrufin biżżej-
jed sew fil-kamp letterarju, kemm fil-ħidma tiegħu għall-pro-
gress tal-Malti, u f'hekk jidher li mexa fuq il-passi ta' missieru,
il-qatt minsi, is-Sur E. B. Vella, li fil-ħidma ta' ibnu Reginald
ħalla l-isbaħ tifkira ta' wirt l-iktar għażiż għal ismu u għall-
ġieħ ta' Lsienna.

Għalkemm żagħżugħ, is-Sur R. Vella Tomlin, f'dawn l-aħ-
ħar sitt snin tana l-isbaħ frott tal-ħidma tiegħu fil-kitba
Maltija, kif jixhdu l-bosta kotba li s'issa ħarġu mill-pinna għal-
liema tiegħu, fosthom ta' min isemmi: *l-Iskrittura Mqaddsa*,
*Antoloġji ta' Proża u Poeżija Maltija għat-Tfal.*

Jalla s-Sur Vella Tomlin jibqa' jseddaq fil-ħidma tiegħu u
jimxi 'l quddiem għall-ġid tal-Malti u tal-Għaqda għal għomor
twil.

## RAPPREŻENTAZZJONI TEATRALI B'RIŻQ IL-GĦAQDA

**Hemm il-ħsieb li ssir rappreżentazzjoni teatrali fit-Teatru l-ġdid "De Porres", tas-Sliema, b'riżq il-Għaqda, għal ħabta ta' nofs Ġunju.**

**Fit-tħejjija ta' din r-rappreżentazzjoni sa jieħdu sehem il-Membri Akkademiċi, Patri Wistin Born, li minnu l-Għaqda rat ħafna ġid, u s-Sur Victor Apap, Teżorier tal-Għaqda u Direttur tal-Kumpannija Teatrali "STARDUST", li sa tieħu wkoll l-akbar sehem f'din ir-rappreżentazzjoni.**

**Il-Membri Akkademiċi jkollhom minn qabel avviż bid-data u ħin ta' din ir-rappreżentazzjoni, u nittamaw li minn għandhom ikollna l-akbar ko-operazzjoni.**



# REĊENSJONIJIET

**"PALPITI, DMUGĦ U TBISSIM"** — G. Borg Pantalleresco
— Lux Press, Malta, 1957. pp. 160.

Għal darb'oħra s-Sur G. Borg Pantalleresco tana opra letterarja
minn tiegħu: ktieb li hu mera tal-personalità tal-awtur; fih wieħed
isib bċejjeċ, proża u poeżija, li jesprimu sentimenti nobbli u ħelwin,
sentimenti mqanqlin minn ħbiberija, irġulija u ġenjalità: jiena nħobb
naqra l-kotba tas-Sur Ġużi Borg Pantallaresco għax fihom nara n-na-
tural u l-personalità tiegħu. Is-Sur Ġużi hu bniedem li japprezza kull
stima jew rigward li jirċievi u għandu intellet biex ifisser, fi stil origi-
nali u ħaj dak l-apprezzament tiegħu.

Dan il-ktieb hu dokument ħaj ta' relazzjonijiet plawsibbli li jeżistu
fost il-bnedmin. Sfortunatament dan l-aħħar rajna bosta eżempji ta'
kemm jistgħu jkunu krudili u ta' min imaqdarhom l-imġibiet fost in-nies,
u għalhekk wieħed iħoss għoġba meta jara li għall-inqas hawn min hu
mqanqal minn spirtu ta' karità u rieda tajba.

Dan l-ispirtu ta' rieda tajba jieħu sura fil-poeżijiet u prożi dwar
il-Milied. Fihom il-qarrej iħoss sensi ta' hena u kuntentizza li jinħassu
ġeneralment fil-festi sbieħ tal-Milied u s-Sena l-Ġdida. L-awtur jaf jes-
primi f'versi ħajjin u espressivi dawk it-tqanqiliet ta' ruħ u x-xejriet
tal-qalb. Huwa wkoll għandu sengħa biex jagħti kisja reliġjuża lill-poe-
żija li jikteb fl-okkażjonijiet ta' għidjien imqaddsa. Aqraw x'sentiment
reliġjuż fihom dawn il-versi li ġejjin:—

*Mhux il-ġmiel*
*li bih xi drabi*
*ikun minsuġ il-kliem;*
*imma tipperswadina biss*
*it-tieba tar-ruħ li wasslitulna*
*u b'tifkira tagħha*
*b'qalbha, bi twieħa tas-Sema,*
*ħallitulna.*

Imma l-awtur ma jillimitax ruħu għall-okkażjonijiet reliġjużi biss.
Fil-versi u fil-proża tiegħu b'ilsien Malti u b'ilsna barranin, hemm eku
ta' okkażjonijiet oħra soċjali jew familjari ta' ferħ u ta' pjaċir. Hu
jidher li għandu għal qalbu wisq il-konċett nisrani tal-familja u jaf jip-
profitta minn ġrajja jew episodji familjali biex fisser il-fawra ta' hena
li toħroġ minn qalbu meta jara jseħħu l-ferħ u l-barka fil-familja. Magħ-
mudijiet, żwieġijiet huma għall-awtur ispirazzjonijiet sublimi għall-
muża ġenjali tiegħu, għax fihom hu jara t-trijonf tal-familja u l-qofol
tas-soċjetà nisranija.

Imma f'dan il-ktieb il-qarrej ma jsibx noti ta' ferħ biss; hemm ukoll
dehriet ta' ħajja fqira u bla ħajr, ta' faqar u ta' xorti ħażina. Il-karba
tal-fqir, it-tnehida tal-iltim iqanqlu mogħdrija fil-qarrej li jaf iħobb
u jħenn.

Wara li qrajt dan il-ktieb, jiena ħassejt konfort u sodisfazzjon għax
sibt li f'dawn iż-żmenijiet materjali għad baqa' raġġi ta' ħajja spiritwali
u artistika. Għalhekk jiena nħajjar lil dawk kollha li għandhom sens